MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Numru. 409/2011

**-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Emanuel sive Noel Borg Hedley ta' 67 sena, bin Anthony Mary u Alice nee`, imwieled Floriana fit-8 ta' Dicembru 1943, residenti fi Clarendon Court, Flat 6, Triq Reggie Miller, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 22744(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Emanuel sive Noel Borg Hedley li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn April 2008,b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg

tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzamigjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 115(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Mala l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta kondizzjonata.

Inoltre il-Qorti wara li rat l-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------